MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 167/2004

**PSC Limited**
**Vs**
**JPI Europe Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' zewg vilel f'H'Attard, f'Lord Strickland Street, wahda b'l-isem ta' "Villa Lily" u ggib n-numru 2 u l-ohra bla isem izda ggib in-numru 1;

Premess illi fil-25 ta' Gunju 2003, s-socjeta' attrici kriet il-Villa b'l-isem "Villa Lily" Numru 2 lis-socjeta' konvenuta versu l-kera fix-xahar ta' elfejn, mitejn u tnejn u sittin Euro (Euro 2262) flimkien mal-VAT dovuta fuq dan l-ammont skond ir-rata applikabbli bil-ligi u dan a tenur ta' ftehim tal-

kera kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat Dok A;

Premess illi f'dik l-istess gurnata, u cioe fil-25 ta' Gunju 2003, s-socjeta' attrici kriet ukoll lis-socjeta' konvenuta, l-Villa l-ohra bin-numru 2 u dan versu l-kera fix-xahar ta' tlett elef tlett mija u sbatax il-Euro (Euro 3317) flimkien mal-VAT dovuta fuq dan l-ammont skond ir-rata applikabbli bil-ligi u dan a tenur ta' ftehim tal-kera kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat Dok B;

Premess illi, a tenur ta' l-artikolu 1 ta' kull ftehim fuq imsemmi, dawn iz-zewgt Villel inkrew ghal perijodu ta' sentejn, liema perjodu beda jghaddi mill-1 ta' Mejju 2003 u cioe inkrew sal-1 ta' Mejju 2005. Madanakollu a tenur ta' l-artikolu 3 ta' kull ftehim tal-kera, s-socjeta' konvenuta inghatat il-fakolta li ttitermina l-ftehim relattiv ghal kull Villa qabel iz-zmien stipulat b'kundizzjoni espressa li f'dan il-kaz hija tkun responsabbli ghall-hlas li jkopri tlett xhur kera u cioe, fil-kaz ta' "Villa Lily" is-somma ta' sitt elef, sebgha mija u sitta u tmenin Euro (Euro 6786) flimkien mas-somma ta' elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Euro (Euro 1221) bhala VAT bit-18%, u fil-kaz tal-Villa numru 1 is-somma ta' disat elef, disa mija u wiehed u hamsin Euro (Euro 9951) flimkien mas-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u disghin Euro (Euro 1791) bhala VAT bit-18%;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghazlet li tittermina z-zewgt kirjiet qabel iz-zmien stipulat f'kull wiehed mill-ftehim tal-kera tant illi f'l-1 ta' Frar, 2004, hija ma baqghetx tokkupa z-zewg Villel u vvakat l-istess u dan kollu minghajr ma tat l-ebda pre-avviz lis-socjeta' attrici. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghal-hlas ta' tlett xhur kera ghal kull Villa kif gie spjegat ahjar fil-paragrafu antecedenti ghal dan u cioe ghas-somma globali ta' dsatax il-elf, seba' mija u disgha u erbghin Euro (Euro 19,749) ekwivalenti bir-rata tal-llum ghas-somma ta' tmint elef, hames mija u sitta u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm8586.52);

Premess illi a tenur ta' l-artikolu 17 ta' kull ftehim tal-kera, s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas l-ispejjez tad-

dawl u ilma relattivi ghal kull Villa izda hija naqset li thallas ghall-dawn is-servizzi ghall-perjodu mit-30 ta’ Settembru 2003 sa l-1 ta’ Frar 2004 data meta effettivament tterminat iz-zewgt kirjiet. Illi l-ispejjez tad-dawl u ilma ghal dan il-perijodu fil-konfront ta’ “Villa Lily” numru 2, jammontaw ghal erba’ mija u hamsa u sittin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm465.81) filwaqt illi fil-konfront tal-Villa bin-numru 2 jammontaw ghal hames mija u sitta u tletin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm536.26);

Premess illi ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici ghas-somma kumplessiva ta’ disat elef, hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm9,588.59) kif spjegat f’l-istatement li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok C;

Premess illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex tissalda d-debitu minnha dovut hija baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant, tghid is-socjeta’ konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tikkundannha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ disat elef, hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm9,588.59) u dan in kwantu ghas-somma ta’ tmint elef, hames mija u sitta u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm8586.52) bhala hlas ekwivalenti ghall-kera ta’ tlett xhur dovuti mis-socjeta’ konvenuta fuq kull Villa fuq imsemmija flimkien mal VAT bit-18% ghat-termini tal-artikolu 3 taz-zewg ftehim tal-kera tad-data tal-25 ta’ Gunju 2003 u in kwantu ghas-somma ta’ elf u zewg Liri Maltin u seba centezmi (Lm1002.07) bhala spejjez ta’ dawl u ilma fuq kull Villa fuq imsemmija.

B’l-ispejjez u b’l-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta JPI Europe Limited ghamlet ftehim mas-socjeta' attrici, PSC Limited fil-25 ta' Gunju 2003 ghall-kiri ta' Villa minghajr isem, maghrufa bhala Villa Nru 1, Triq Lord Strickland, Attard, biex tipprovdi residenza ghal tnejn mid-diretturi taghha, Adrienne Hurley Denholm u Derrick Denholm, u binhom Thomas; din il-Villa nkriet ghal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Mejju 2003 u jintemm fl-1 ta' Mejju 2005, u l-kera ta' kull xahar kienet ta' EUR 3317 li jeskludi l-VAT, u li kellhom jithallsu tlett xhur minn qabel; is-socjeta' attrici ftehmet li kellha thallas ghall-konsum tad-dawl u l-ilma;

2. Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet ukoll ftehim mas-socjeta' attrici fil-25 ta' Gunju 2003 ghall-kiri ta' Villa Lily, li tinsab f'Nru 2, Triq Lord Strickland, Attard, biex tipprovdi residenza ghal Direttur iehor, Nicholas Bashkiroff; bl-istess mod, din il-Villa nkriet ghal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Mejju 2003 u jintemm fl-1 ta' Mejju 2005, u l-kera ta' kull xahar kienet ta' EUR 2262 li jeskludi l-VAT, u li kellhom jithallsu tliet xhur minn qabel; is-socjeta' attrici ftehmet li kellha thallas ghall-konsum tad-dawl u l-ilma;

3. Illi minn Awissu 2003, Villa Nru 1 wriet problemi serji fil-*plumbing* u l-*waterproofing* taghha. Saru diversi telefonati u ntbaghtu emails u ittri (ara kopji annessi Dok A u Dok B) li ddeskrivew in-natura tad-difetti fil-proprjeta' qabel din giet sostanzjalment, izda mhux ghal kollox, imsewwija. Il-post baqa' serjament umdu, u baqghu diversi partijiet umdi fil-hitan, iz-zebgha u t-tkahhil tqaxxru u z-zebgha interjuri tad-dar baqghet imtebba', u baqghu johorgu wkoll xi rwejjah jintnu mis-sistema tad-dranagg. B'mod partikulari baqa' jidhol hafna ilma minn xquq fis-saqaf u mit-twieqi meta kienet taghmel ix-xita; l-abitanti, u cjoe il-familja Denholm, kien ikollhom bramel f'diversi postijiet fuq il-pjan terran biex jilqghu l-ilma li kien joqtor mis-saqaf. (Ara ritratti annessi bhala Dok C). Dan ma kienx accettabli meta wiehed jikkunsidra li l-kumpanija hallset tant flus ghal dik il-kera, u d-difetti ammontaw ghall-vjolazzjoni tad-dmirijiet tas-socjeta' attrici li kienet sid il-proprjeta' mikrija li taccerta li l-proprjeta' kienet idonea ghall-abitazzjoni, u dana ai termini ta' l-Artikoli 1539(b) u 1540(1) tal-Kodici Civili. Fit-30 ta' Jannar 2004, sploda

*water heater* fil-kcina tal-Villa Nru 1, li kkawza l-ilma jinxtered ma' l-art fil-kcina u fil-kmamar adjacenti, u kkawza xi dannu ghall-beni personali tal-familja Denholm. Dawn ma felhux aktar, u qabdu u ppakkjaw kull ma kellhom fid-dar u vvakaw il-post kif diga' kienu avzaw lil Paul Camilleri, direttur tas-socejta' konvenuta (ara anness Dok D);

4. Illi wara li hargu minn Nru 1 Triq Lord Strickland fil-31 ta' Jannar kif kien gie avzat, il-familja Denholm sabet li l-familja Bashkiroff baqghet tghix f'Villa Lily, u b'hekk cahduhom mill-access ghall-proprjeta' ghall-iskopijiet ta' l-abitazzjoni. B'konsegwenza, JPI Europe Limited kellha ssib akkomodazzjoni ohra ghall-familja Denholm. JPI Europe Limited fil-fatt stabbiliet recentement li l-familja Bashkiroff kompliet tirrisjedi f'Villa Lily sad-29 ta' Frar 2004, u kienu hallsu l-kera u d-dawl u l-ilma direttament lil PSC Limited; f'dan l-istadju u minkejja li kienu diga' avzaw li kienu sejrin johorgu mill-Villa Nru 1, il-familja Denholm gew soggettati ghat-taghjir fis-serata tal-31 ta' Jannar 2004 fuq id-dghajsa tal-Marina tal-Port il-Kbir meta Paul Camilleri u bintu waslu minghajr preavviz u bdew jaghmlu xenata. Dan ipprekluda kull possibilta' ta' diskussjoni ragjonata dwar il-kwistjonijiet bejn il-partijiet;

5. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici rigward l-ammont ta' tliet xhur kera mit-terminazzjoni tal-kuntratt huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex il-Villa ma kinitx idonea ghall-abitazzjoni f'dawk il-kundizzjonijiet; fil-fatt, kieku dak ma kienx l-istat tal-proprjeta', il-familja Denholm kienet tkun ghada tghix f'dik il-Villa u ma kienx ikollha ghalfejn tghaddi minn tliet gimghat tghix fuq id-dghajsa u fl-ufficini taghha sakemm sabet residenza alternattiva, u ma kienx ikollhom ghalfejn jghaddu mill-inkwiet li jiccaqalqu minn darhom darbtejn fi zmien tant qasir;

6. Illi rigward Villa Lily, f'Dicembru 2003, is-socjeta' konvenuta, kellha tnehhi lil Nicholas Bashkiroff (li kien jirrisjedi fil-villa msemmija Villa Lilly) mill-post ta' Direttur, b'effett mit-30 ta' Novembru 2003 (kopja ta' l-ittra anness bhala Dok E); minkejja dan hija kompliet thallas il-kera ta'

Villa Lily sa l-ahhar tal-perijodu tal-kera li kien fil-31 ta’ Jannar 2004. F’Jannar, is-socjeta’ konvenuta avzatu li kellu jivvaka l-fond sal-31 ta’ Jannar minhabba li s-socjeta’ konvenuta riedet tiehu lura l-pussess tal-villa ghall-skopijiet taghha skond il-ligi (ara kopji annessi Dok G1 u G2). Din l-informazzjoni giet ikkupjata lil Paul Camilleri, Direttur tas-socjeta’ konvenuta. Paul Camilleri gie wkoll avzat li JPI Europe kienet bi hsiebha ttemm il-kera ta’ Nru 1, triq Lord Strickland fil-31 ta’ Jannar 2004 jew qabel, u li l-familja Denholm kienu bi hsiebhom ikomplu l-kera ta’ Villa Lily, u fil-fatt jirrisjedu f’dak il-post mill-1 ta’ Frar 2004. Minkejja diversi ittri miktuba mill-avukat tas-socjeta’ konvenuta lill-avukati ta’ Nicholas Bashikroff u lil Paul Camilleri, is-socjeta’ konvenuta ma rceviet ebda risposta;

7. Illi qabel ma hargu minn Nru 1 Triq Lord Strickland, il-familja Denholm kellhom laqgha ma’ Paul Camilleri, fejn huwa talbu l-assistenza tieghu biex jaccertaw li l-familja Bashkiroff jivvakaw il-fond Villa Lily b’mod pacifiku, sabiex il-familja Denholm ikunu jistghu jghixu pacifikament fl-istess villa mill-1 ta’ Frar. Paul Camilleri rrifjuta li jaghmel dan, a bazi tal-fatt li ma ried jaghmel xejn li seta’ jaghmel hsara lill-proprjeta’ u ddikjara li huwa ried jinnegozja l-kera ma’ Nicholas Bashkiroff; is-socjeta’ konvenuta fil-fatt stabbiliet li dan huwa l-kaz (ara ittra annessa bhala Dok H);

8. Illi s-socjeta’ konvenuta giet immolestata fil-pussess taghha tal-proprjeta’ mikrija bil-koncertazzjoni u l-ghajnuna tas-socjeta’ attrici jew tad-diretturi taghha, u ghalhekk il-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez minhabba li s-socjeta’ attrici naqset li tiggarantixxi l-pacifiku pussess tal-proprjeta’ mikrija ai termini ta’ l-artikolu 1539(c) tal-Kodici Civili;

9. Illi s-socjeta’ konvenuta ghamlet offerti ripetuti rigward it-terminazzjoni tal-kera ghaliex, minkejja l-istat tal-Villa Nru 1, u s-sitwazzjoni infelici rigward Villa Lily, huma ma riedux li s-sitwazzjoni tibqa’ daqshekk aggravata. Rigward il-kont tad-dawl u l-ilma, hija rceviet biss stima tal-kont minflok kont formali; is-socjeta’

konvenuta kienet fil-fatt ippreparata li thallas il-kont tad-dawl u l-ilma kollu ghall-Villa Nru 1, u kienet ukoll ippreparat li thallas il-kont tad-dawl u l-ilma sa l-ahhar ta' Novembru 2003 ghall-Villa Lily, li kien it-terminu fejn Nicholas Bashkiroff kien impjegat mas-socjeta' konvenuta; l-ebda kont formali ma nghata f'dan ir-rigward u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma setghetx teffetwa hlas minhabba li ghandha bzonn izzomm kontijiet kif suppost;

10. Illi, ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tallum;
Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni attrici tikkonsisti fil-hlas da parti tal-konvenuta tas-somma ta' Lm9,588.59: rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm8,586.52 hlas ta' tlett xhur kera dovuti mis-socjeta' konvenuta rigwardanti zewg vilel, wahda bin-numru 2 bl-isem Lily u l-ohra bin-numru 1 bla isem, sitwati f' Lord Strickland Street, H'Attard, u dana fit-termini tal-klawsola numru 3 tal-iskritturi privati datati 25 ta' Gunju 2003[1] flimkien mal-VAT tat-18%; u in kwantu ghar-rimanenti Lm1,002.07 spejjez ta' dawl u ilma fuq l-istess fondi fit-termini tal-kawsola 17 tal-istess skritturi, kif spjegat dettaljatament fil-prospett anness mal-att tac-citazzjoni[2]

Illi fiz-zewg skritturi deheru ghan-nom tas-socjeta' konvenuta Derrick Denholm, Executive President, u Nicholas Bashkiroff, Chief Executive, in rapprezentanza taghha. Ghas-socjeta' attrici deher Paul Camilleri. Jirrizulta li, filwaqt li l-villa numru 1 kienet giet okkupata minn Derrick Denholm u l-familja tieghu, il-villa Lily n umru 2 kienet giet okkupata minn Nicholas Bashkiroff.

[1] Dok.A – Fol.6 u Dok.B – Fol.10 – *et seq.*
[2] Dok.C – Fol.14

Illi s-socjeta’ konventa opponiet ghal din il-pretensjoni attrici bazikament fuq is-segwenti:

[1] il-fatt minnha allegat li fil-fond bin-numru 1, li fih kien jabita d-direttur Derrick Denholm flimkien mal-familja tieghu, kienu jezistu difetti, indikati minnha fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, li, skond huma, kienu jirrendu din l-proprjeta’ mikrija lilhom “inidonea ghall-abitazzjoni” u dan bi ksur ta’ dak li hemm kontemplat Artikoli 1539[b] u 1540[1] tal-Kodici Civili;

[2] li, wara kwistjoni li nqalghet bejn id-direttur Bashkiroff u l-konvenuta, l-imsemmi Derrick Denholm ma kellux access ghal villa bl-isem Lily okkupata mid-direttur Nicholas Bashkiroff, u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta qeda issostni li s-socjeta’ attrici naqset milli tiggarantixxi l-pussess pacifiku ta’ din il-proprjeta’ mikrija, u dan bi ksur ta’ dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 1539[c] tal-Kodici Civili;

[3] in fine teccepixxi li hija dejjem kienet lesta li thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, izda naqset li taghmel dan stante li s-socjeta’ attrici qatt ma pprezentat kontijiet formali f’ dan ir-rigward.

Mill-provi jirrizulta: Illi l-lokazzjoni tal-villa numru 2 bl-isem Lily kienet mikrija lill-konvenuta ghal perijodu ta’ sentejn versu l-kera mensili ta’ Euro 2262 oltre l-vat li f’dak iz-zmien kien bir-rata ta’ 15%”; filwaqt li l-villa l-ohra bin-numru wiehed [1] kienet mikrija lill-istess konvenuta, wkoll ghal perijodu ta’ sentejn, izda versu l-kera mensili ta’ Euro 3317 oltre l-vat kif indikat fl-iskrittura precedenti.

Illi skond il-klawsola 17 taz-zewg skritturi s-socjeta’ konvenuta inkwilina kellha l-obbliga li thallas “the cost of all utilities and services including water, electricity and telephone”.

Illi l-klawsola numru tlieta [3] fiz-zewg skritturi taghti, inter alia, lis-socjeta’ konvenuta qua inkwilina il-fakolta’ li tittermina l-lokazzjoni qabel l-gheluq taghha bil-kondizzjoni

li taghti lis-socjeta' attrici, qua lokatrici, minimu ta' tlett xhur avviz bil-miktub, u hlas ta' tlett xhur kera.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li, ghalkemm il-perjodu stipulat ghat-terminazzjoni tal-ftehim kien l-1 ta' Mejju 2005, is-socjeta' konvenuta tterminat il-lokazzjoni unilateralment u l-villel gew vakati mill-okkupanti, taghhom ghal habta ta' Jannar 2004, u wkoll naqset li tonera l-obbligazzjoni taghha skond l-klawsola numru 3 u cioe' thallas it-tlett xhur kera fuq iz-zewg postijiet kif kien miftiehem; kif ukoll thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u tat-telefon.

Illi rigward l-allegazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta, li l-villa Lily kienet inidonea ghal abitazzjoni minhabba l-ingress ta' ammont kbir ta' ilma, il-Qorti tosserva li l-ispjegazzjoni moghtija minn Paul Camilleri, direttur tas-socjeta' attrici, hija verosimili, u huwa fatt ammess li f' Settembru tas-sena 2003 kienet ghamlet kwantita' kbira ta' xita izjed minn normal.

Inoltre, l-istess xhud ikkonferma li huwa kien ha azzjoni rimedjali sabiex tali sitwazzjoni ma tergax tivvera ruhha. Is-socjeta' konvenuta minn naha taghha llimitat il-provi taghha f' dan ir-rigward billi, ghajr ghad-dikjarazzjoni guramentata tad-Direttur Derrick Denholm, prezentat sett ta' ritratti[3] li, fil-fehema tal-Qorti, ma jissostanzjawx adegwatament u sodisfacentement dak sostnut mill-konvenuta, izda jevidenzjaw roqghat zghar ta' umdita' fil-hitan u carcir ta' ilma mat-twieqi ovvjament waqt il-maltemp. Minn imkien ma rrizulta l-ingress ta' kwantita' ta' ilma, kif sostnut mill-imsemmi direttur tas-socjeta' konvenuta, tali li jirrendu l-villa inidonea ghal abitazzjoni, jew li fixklu lill-inkwilini fit-tgawdija tal-lokazzjoni b' mod li gie vjolat l-obbligu tas-socjeta' lokattrici kif kontemplat fl-Artikoli precitati. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi rigward it-tieni allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li s-socjeta' attrici kissret l-obbliga taghha that l-

[3] Dok.C1 – C11 – Fols.32 sa 40

Artikolu 1539[c], il-Qorti tirrileva li r-relazzjoni guridika ezistenti, kienet bejn iz-zewg socjetajiet u mill-provi ma rrizultax li s-socjeta' konvenuta [sic] kellha xi ostakola biex tidhol fil-villa Lily mikrija lilha. Ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet fiz-zewg skritturi rapprezentata mill-imsemmija zewg diretturi, il-lokazzjoni saret mas-socjeta' konvenuta, u t-tilwim li nqala' bejn din is-socjeta' u d-direttur taghha Nicholas Bashkiroff huwa estranew ghar-rapport lokatizju ezistenti bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici li ghaliha dan it-tilwim huwa res inter alios acta. Ghalhekk ghandu jirrizulta manifest li l-fatt li Bashkiroff kien ta' ostakolu sabiex Denholm jidhol fil-villa Lily kif xtaq, legalment ma jirrendix lis-socjeta' attrici inadempjenti tal-obbligi taghha fit-terminu tal-artikolu precitat, ghax iz-zewg vilel matul il-kirja kienu dejjem ghad-disposizzjoni tas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Illi rigward ir-raguni migjuba mis-socjeta' konvenuta ghan-nuqqas taghha li thallas il-kontijiet fuq indikati, il-Qorti hija tal-fehma li din mhi xejn altru hlief pretest sabiex tibqa' inadempjenti f' dan l-obbligu taghha. Jigi osservat mill-provi esebiti mis-socjeta' attrici, u senjatament mill-e mail mibghuta fit18 ta' Jannar 2004 lid-direttur Donhelm jirrizulta li l-imsemmi Paul Camilleri kien baghat kont dettaljat li juri breakdown tal-ammonti dovuti f' dan ir-rigward, liema ammonti ma gewx kontestati mill-konvenuti fil-quantum taghhom, u wkoll ma jidhrux li huma eccessivi tenut kont ukoll ghax-xahar [Jannar] li ghalih jirriferi l-estimu. Il-Qorti tifhem li l-estimu kellu jinhareg peress li d-data tal-hrug ta' Denholm mill-villa ma kienitx certa, izda dan l-estimu huwa bazat fuq readings li saru fit-30 ta' Settembru u fil-31 ta' Dicembru 2003. Inoltre fl-istess ittra elettronika s-socjeta' attrici talbet lill-istess direttur sabiex thallas direttament lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma f' dawn it-termini "Please ensure that the amount due as appropriate is made payable to the Water Services Corporation…" In fine jigi rilevat li mill-provi ma jidhirx li Denholm kien anzjuz sabiex jonera dan l-obbligu tieghu, ghax meta fettilu qabad u telaq u halla l-kontijiet pendenti. Ghaldaqstant anke din il-parti tat-talba attrici hija gustifikata.

Illi fl-affidavit tieghu l-imsemmi Paul Camilleri spjega li fil-mori tal-kawza Bashkiroff li kien jokkupa l-villa numru 2 hallas il-kont tad-dawl u ilma ammontanti ghal Lm536.26, u ghalhekk rigward dawn l-ispejjez is-socjeta' konvenuta baqalha thallas is-somma ta' Lm465.81 relattivament ghal villa numru 1. Fl-istess affidavit ix-xhud irtira l-pretensjoni tieghu ghall-ammonti ta' Euro 1791 u 1221 rappresentanti vat fuq l-penali, stante li vat mhux dovut fuq somom likwidati bhala penali. B' hekk il-prospett a fol.10 tal-process ghandu jigi aggustat f' dan is-sens, u l-ammont totali dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta huwa ta' Euro16,737, rapprezentatni tlett xhur kera fuq iz-zewg vilel [penali] u Lm465.81 kont tad-dawl u ilma relattiv ghal villa numru 1.

Illi in bazi ghal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata limitatament ghas-somma ta' Euro 16,737 ekwivalenti fi flus maltin ghas-somma ta' Lm7,237.99[4] u s-somma ta' Lm465.81 kif fuq spjegat, b' kollox Lm7,703.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' seba telef, seba mija u tlett liri maltin [Lm7,703], u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma, flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. L-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal sitt parti minn seba[6/7] mis-socjeta' konvenuta, u r-rimanenti settimu [1/7] jibqa' a kariku tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Rata 2.3127 – 22.11.2004